**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 243**

L-Erbgħa, 15 ta' Mejju 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Graziella Galea u l-Onor. Paula Mifsud Bonnici kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Rebecca Buttigieg u l-Onor. Randolph De Battista kienu skużati.

L-Onor. Ivan J. Bartolo, l-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Chris Fearne, l-Onor. Joe Giglio u l-Onor. Chris Said kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 242 li saret fl-14 ta' Mejju 2024 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3742 Tweġiba għal mistoqsija parlamentari 36 li saret lis-Sedja mill-Onor. Stanley Zammit dwar in-numru ta' rapporti magħmula mill-Ombudsman Parlamentari li ġew imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17922, il-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3743 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq gazzetti mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika fil-perjodu bejn Jannar u Marzu 2024.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 17922 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika, l-Onor. Clayton Bartolo, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3744 Korrezzjoni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 17903 dwar in-nefqa fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika fil-perjodu bejn Jannar u Marzu 2024 li ngħatat fis-seduta 239 tas-7 ta' Mejju 2024;

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3745 Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għas-sena 2023; u

f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3746 Tagħrif dwar permessi ta' xogħlijiet billejl li ħareġ il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar matul is-sena 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19259.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3747 Tabella li turi tagħrif dwar in nefqa f'reklami fuq gazzetti mid-dekasteru li għalih hi responsabbli l-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir bejn Jannar u April 2024, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 17923;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3748 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq gazzetti mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Finanzi bejn Jannar u April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17924;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3749 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq gazzetti mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni bejn Jannar u April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17925;

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3750 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq gazzetti mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni bejn Jannar u April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17927; u

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3751 Tagħrif dwar permessi għal xogħlijiet f'toroq maħruġa minn Transport Malta fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar matul is-sena 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19260.

**MOZZJONIJIET**

**ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TAL-AWTORITÀ TAD-DJAR GĦAS-SENA 2024 - MOZZJONI 250**

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, l-Onor. Roderick Galdes, ippropona:

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tad-Djar għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024, skont l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, Kap. 261.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li d-diskussjoni fuq din il-mozzjoni kellha tieħu seduta waħda bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bil-ftuħ u l-għeluq mill-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Roderick Galdes, l-Onor. Ivan Bartolo, l-Onor. Romilda Zarb, l-Onor. Albert Buttigieg, l-Onor. Ray Abela u l-Onor. Ryan Callus.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Ivan Bartolo qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3752 Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fil-kawża bl-ismijiet Dr Michael Piccinino pro et noè vs Brandon Attard (Rikors Elettorali Numru 47/2024), deċiża fil-15 ta' Mejju 2024.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Albert Buttigieg qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3753 Paġna 14 tar-Rapport Annwali tal-Awtorità tad-Djar għas-sena 2020 dwar applikazzjonijiet fuq il-Waiting List għal Akkomodazzjoni Alternattiva;

P.L. 3754 Paġna 12 tar-Rapport Annwali tal-Awtorità tad-Djar għas-sena 2013 b'referenza għall-kapitlu 2 bl-isem 'Akkomodazzjoni Soċjali';

P.L. 3755 Paġni 8 u 9 tar-Rapport Annwali tal-Awtorità tad-Djar għas-sena 2023 b'referenza għal statistika dwar il-lista ta' stennija għal akkomodazzjoni soċjali u talbiet ta' prijorità;

P.L. 3756 Mistoqsija parlamentari numru 16083 tal-Erbatax-il Leġiżlatura dwar talbiet għal bdil ta' akkomodazzjoni soċjali, li saret mill-Onor. Albert Buttigieg lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli u ġiet imwieġba fl-20 ta' Frar 2024;

| | |
|---|---|
| P.L. 3757 | Paġna 23 tar-Rapport Annwali tal-Awtorità tad-Djar għas-sena 2011 b'referenza għal 'Programm ta' Bini Ġdid'; |
| P.L. 3758 | Paġna 14 tar-Rapport Annwali tal-Awtorità tad-Djar għas-sena 2011 b'referenza għal 'Supported Housing'; u |
| P.L. 3759 | Paġna 20 tar-Rapport Annwali tal-Awtorità tad-Djar għas-sena 2011 b'referenza għall-kapitlu intitolat 'Insaħħu l-komunità – Riġenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern'. |

Meta l-Ispeaker għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, intalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed f'seduta li tiġi stabbilita skont il-mozzjoni ta' proċedura numru 87.

**KUMITATI PERMANENTI**

Il-President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt, l-Onor. Carmelo Abela, irrapporta li l-Abbozz Nru 95 - Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta - kien għadda mill-istadju ta' Kumitat b'emendi.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 10 ta' Ġunju 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Mozzjonijiet</u>**

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali, Kapitolu 90"

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Vjolenza<br>Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jħassar l-Ordinanza dwar il-Lebbrużi<br>u r-Regolamenti dwar il-Lebbrużi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar<br>il-Kirjiet Residenzjali Privati | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda<br>l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta | Tielet Qari |
| Estimi tal-Awtorità għall-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena finanzjarja 2024 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tad-Djar għas-sena finanzjarja 2024 | Votazzjoni |

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi komunikata aktar tard

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji<br>għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Stephen Spiteri u mill-Onor. Claudette Buttigieg.

Fis-7.29 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 10 ta' Ġunju 2024, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**